**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 23 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Frankie Sammut**

**Vs**

**Wael Aborwes**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Wael Aborwes ta' 30 sena iben Musbah u Ambrka nee Alkamash, imwieled Tripli nhar it-12 t'Awwissu 1986, u residenti Libja detentur tal-passaport Libjan 895749;

Talli fil-21 ta' Jannar 2017 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta,:

1) iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokumenti, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom;

2) Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

3) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe dak diga msemmi;

4) Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-23 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 4 u 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannha ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**